



Brussell, it-13 ta' April 2018

**AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI**

**IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-İNIZJATTIVA TAĊ-  
ĊITTADINI EWROPEJ**

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ<sup>1</sup> li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ").<sup>2</sup> Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"<sup>3</sup>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

L-organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini li għaddejjin bħalissa kif ukoll dawk li beħsiebhom iniedu inizjattiva taċ-ċittadini qabel id-data tal-ħruġ huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Ir-regoli fl-abbozz tal-Ftehim dwar il-ħruġ li jirrigwardaw arranġamenti tranżitorji, miftiehma fil-livell tan-negozjaturi bejn l-UE u r-Renju Unit u ppubblikati fid-19 ta' Marzu 2018, jeskludu l-applikabbiltà tal-liġi tal-UE fir-Renju Unit dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. ([https://ec.europa.eu/commission/publications/draft-agreement-withdrawal-united-kingdom-great-britain-and-northern-ireland-european-union-and-european-atomic-energy-community-0\\_en](https://ec.europa.eu/commission/publications/draft-agreement-withdrawal-united-kingdom-great-britain-and-northern-ireland-european-union-and-european-atomic-energy-community-0_en))

B'hekk, mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ("Regolament dwar l-ECI")<sup>4</sup> mhux se jibqgħu japplikaw aktar għar-Renju Unit.

Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin għall-organizzazzjoni tal-inizjattivi li għaddejjin bħalissa fid-data tal-ħruġ:

<sup>1</sup> Għaddejjin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

<sup>2</sup> Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

<sup>3</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>4</sup> ĠU L 65, 11.03.2011, p. 1.

## 1. ORGANIZZATORI

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, iċ-ċittadini tar-Renju Unit ma jistgħux jibqgħu ikunu organizzaturi tal-inizjattivi taċ-ċittadini skont ir-Regolament dwar l-ECI, li jkunu għadhom għaddejjin fid-data tal-ħruġ jew li jkunu ġew immedija fid-data tal-ħruġ jew warajha.

F'każ li fost is-seba' organizzaturi ta' inizjattiva reġistrata jkun hemm ċittadini tar-Renju Unit jew persuni residenti fir-Renju Unit, huma jridu jiġu sostitwiti b'individwi oħra b'seħħ mid-data tal-ħruġ sabiex il-kumitat ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament dwar l-ECI.

## 2. FIRMATARJI

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ippreżentati bil-formola tar-Renju Unit mhux se jibqgħu jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni sakemm ma jkunux ġew verifikati u ċertifikati skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-ECI qabel id-data tal-ħruġ. Dan għandu japplika kemm għad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ippreżentati minn ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu fir-Renju Unit, kif ukoll dawk ippreżentati minn ċittadini tal-UE27 li jirrisjedu fir-Renju Unit.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ippreżentati minn ċittadini tar-Renju Unit li jirrisjedu f'dawk l-Istati Membri, li jaċċettaw dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mir-residenti tagħhom<sup>5</sup>, se jiġu kkunsidrati biss jekk ikunu miġbura qabel id-data tal-ħruġ. Il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-ECI jistgħu jseħħu qabel jew wara d-data tal-ħruġ.

## 3. SISTEMI TA' ĠBIR ONLINE

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, kwalunkwe sistema ta' ġbir online ċertifikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-ECI ma tistax tibqa' tintuża.

Sit web apposta tal-Kummissjoni ([ec.europa.eu/citizens-initiative](https://ec.europa.eu/citizens-initiative)) jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Dan is-sit web se jiġi aġġornat b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Is-Segretarjat Ġenerali

---

<sup>5</sup> Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.